**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 33 - IT-TLIETA 19 TA' LULJU 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier (waslet fit-19:50) |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri mill-pubbliku preżenti. | |

**1. APOLOĠIJI GĦAL ASSENTEIŻMU**

1.1. Is-SE informa li s-Sinj. Cuomo kienet infurmatu li kienet se tkun imsiefra filwaqt li l-Kunsillier Sammut informa li kellu appuntament il-klinika.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Il-minuti ġew meqjusa moqrija. Wara kunsiderazzjoni ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

2.2. Il-Kunsillier Bonello staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar l-*accountant*. Is-SE informa li kien iltaqa' magħha u talbitu sabiex il-Kunsill iroddilha lura l-garanzija bankarja. Il-Kunsill qabel li għandu jirrilaxxa l-garanzija minħabba li s'issa qatt ma kien ħallas xi flus u għalhekk ma kienx hemm x'jitlef. Il-kont xorta waħda kien se jibqa' in diskussjoni.

**3. POST MORTEM DWAR ĠIEĦ IN-NAXXAR**

3.1. Is-SE fakkar li dan is-suġġett kien intiż biex wieħed jevalwa kif marret l-attività ħalli għal darba oħra jkun hemm titjib fuq ta' din is-sena. Il-Kunsilliera b'mod ġenerali kkummentaw pożittivament dwar is-serata u l-andament ta' kif imxew l-affarijiet. Il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li 'l quddiem wieħed għandu jikkunsidra li l-attività tkun miftuħa għal kulħadd u mhux neċessarjament bl-invit biss. Is-SE informa li kienet ix-xewqa tal-Bord li s-serata tinżamm fil-Palazz kif ukoll minħabba kwistjoni ta' finanzi. Huwa qal li fil-fatt, l-użu tal-palazz, id-dawl u l-*welcome drink* kollha ġew sponsorjati minn Palazzo Parisio filwaqt li ġiet użata sistema ta' ħoss amplifikat tal-Kunsill u għaldaqstant

l-ispiża kienet verament minima. Kien hemm qbil iżda li forsi għal darb'oħra wieħed jista' jikkunsidra l-użu tal-ġnien tal-Palazz. Is-SE informa li din id-darba l-ġnien ma setax jintuża lanqas minħabba li kien hemm funzjoni oħra.

3.2. F'dan il-ħin waslet il-Kunsilliera Miceli.

3.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jintbagħtu ittri ta' ringrazzjament lil kull membru tal-bord u jintalbu biex jerġgħu jkunu fuq il-bord għas-sena d-dieħla.

**4. KOMUNIKAZZJONIJIET**

4.1. Is-SE informa li kienet ħarġet is-sejħa għall-offerti tal-perit u din kien se jagħlaq fit-22 ta' Awwissu. Is-SE talab li jkun hemm żewġ Kunsillieri biex flimkien magħhom jiftaħ l-offerti dak inhar li jagħlqu. Offrew li jkunu preżenti għall-ftuħ tal-offerti il-Kunsillieri Bonello u Miceli.

4.2. Is-Sindku infurmat li l-Ministru Pullicino kien wiegħed li jiffinanzja u jwettaq il-proġett ta' Triq V. Boron. B'riżultat kienet tqabbdet il-Perit Josette Muscat mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex tipprepara l-pjanti u l-istimi neċessarji. Is-Sindku infurmat ukoll li l-għada, hi u s-SE kien se jkollhom laqgħa mal-Perit Muscat sabiex jiddiskutu dan il-proġett.

4.3. Sadanittant hija qalet li bl-għajnuna tal-Perit tal-Kunsill wieħed seta' wkoll jikkunsidra proġetti oħra fi Triq l-Ilġiem, Triq San Pawl viċin il-Kappella ta' San Pawl tat-Tarġa kif ukoll Triq Castro u l-isqaqien. Il-Kunsill seta' japplika għall-fondi mill-MEPA hekk kif jiġi ffinalizzat il-kuntratt tal-perit. Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Kunsillier Bonello sabiex jattendi għal-laqgħat dwar il-proġett ta' San Pawl tat-Tarġa.

4.4. Is-Sindku infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand grupp ta' residenti minn San Pawl tat-Tarġa fejn reġgħu talbu l-għajnuna tal-kunsill minħabba l-isplużjonijiet tal-furnelli fil-barrieri. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Bonello sabiex jiltaqa' magħhom u jġib ir-rakomandazzjonijiet tagħhom minħabba li huwa r-rappreżentant tal-Kunsill fuq dan il-grupp.

4.5. Is-Sindku infurmat li kien daħlilha rapport dwar ċilindri tal-gass li jkunu wara bibien ir-residenti waqt il-*bbq* tas-Soċjetà Mużikali Vittorja. Dawn kienu qed jibżgħu minħabba l-periklu li seta' jinqala'. Hija semmiet li ma kienx l-intenzjoni li l-Każin jitwaqqaf milli jagħmel din l-attività annwali iżda wiegħdet li kienet se tiġbed l-attenzjoni tal-Każin biex iċ-ċilindri jitħallew lejn nofs it-triq u mhux fuq ġenb wieħed. Il-Kunsillier Galea li huwa wkoll is-Segretarju tas-Soċjetà Vittorja, informa li kien se jiġbed l-attenzjoni tal-kumitat biex jassiguraw dejjem li kollox imur bla problemi u periklu u informa wkoll li huma inxurjati mis-27 ta' Awwissu sad-9 ta' Settembru ta' kull sena. Huwa qal ukoll li l-*bbq*'s tal-gass inxtraw riċentament sabiex jassiguraw li r-riskju ta' periklu waqt il-*bbq* tal-festa jkun kemm jista' jkun minimali. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jirrakomanda lis-soċjetajiet u kulmin ikollu x'jaqsam mal-festa sabiex jassigura li jkollu polza tal-assikurazzjoni f'attivitajiet simili.

4.6. Is-SE wassal talba mingħand Marthese Camilleri, Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill, sabiex tingħata 3 ijiem *study leave* minħabba eżami li kienet se tagħmel dwar *English for Business*. Il-Kunsill approva.

4.7. Is-SE informa li kellu lment minħabba għeluq ta' aċċess għal Sqaq numru 15 fi Triq Santa Luċija. Huwa informa li kien se jinvestiga l-każ u jieħu l-azzjonijiet neċessarji.

4.8. Is-SE informa li ġie avviċinat minn sid il-ħanut Yorkdale minħabba li kellu problema bi globu minħabba li t-tinda ma setgħetx tinżel kollha. Għaldaqstant huwa ssuġġerixxa li dan l-arblu jiddawwar bi ftit. Il-Kunsill approva li l-arblu jiddawwar.

4.9. Is-SE informa li nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju se jkun hemm il-preżentazzjoni tal-premijiet tal-kompetizzjoni tal-ġonna u faċċatti. Kulħadd kien mistieden li jkun preżenti.

4.10. Is-SE informa li kienu nħarġu żewġ *default notices* lill-kuntrattur tal-knis. L-ewwel wieħed kien minħabba li kien għadu m'għaddiex l-iskeda kompleta tal-knis filwaqt li l-ieħor kien minħabba li kien jidher li ma kienx qed jagħmel it-tindif b'mod regolari skont il-kuntratt. Din tal-aħħar saret wara eżami u sorveljanza stretta ta' żona partikulari. Il-kuntrattur kien qed jappella l-ewwel *default notice* minħabba li l-iskeda kien għaddieha għalkemm mhux kompluta. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li l-ewwel *default notice* biss, minflok tingħata penali ta' 5%, tingħata ta' 2%.

4.11. Il-Kunsillier Miceli ġibdet l-attenzjoni ta' parti minn ġardina fi Triq il-Għargħur biex ikun hemm aktar kura.

4.12. Is-SE fakkar li kienet waslet l-attività konġunta mal-Iscouts tan-Naxxar (*Summer Camp).* Il-Kunsill qabel li jordna t-trasport għal din l-attività.

4.13. Kienet twasslet petizzjoni mingħand numru ta' residenti minn Triq tal-Qadi permezz tal-Kunsillier Galea sabiex din it-trejqa tiġi rranġata minħabba li kienet fi stat ħażin ħafna. Minħabba li din it-trejqa kienet għadu kif sar traqqigħ fiha fix-xahar ta' Ġunju kien hemm qbil li kien ikun aħjar jekk il-Kunsill jistenna li jkollu servizz ta' perizja ħalli jkun jista' jkollu l-istimi f'idejh qabel ma jikkonsidra xi forma ta' deċiżjoni.

4.14. Il-Kunsillier Galea wassal talba mingħand il-Perit Ian Zammit sabiex isir xi tip ta' *traffic management* fi Triq San Pawl bejn il-Kappella u r-rawndebawt ta' T'Alla u Ommu. Kien hemm qbil li għalissa għandhom jiġu mmarkati xi marki mal-art kif ukoll jitpoġġew xi sinjali ta' *slow* u 'l quddiem il-Kunsill jipprova jinkorpora xi tip ta' sistema ta' immaniġġjar tat-traffiku f'din il-parti tat-triq hekk kif ikun qed japplika għall-fondi sabiex jagħmel irranġar mad-dawra tal-Kappella ta' San Pawl tat-Tarġa.

4.15. Is-SE informa li l-Kunsillier Bonello kien ġab ktejjeb li jiswa €10 u kemm-il darba nixtru ammont minnu, il-pubblikatur kien lest jagħti lill-Kunsill numru ta' kalendarji b'xejn. Minħabba li l-informazzjoni fuq in-Naxxar kienet minima ħafna kien hemm qbil li dan il-ktejjeb m'għandux jinxtara b'mod speċjali għaliex għall-barranin dan m'għandux interess partikolari.

4.16. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Bonello, is-SE informa li l-amministrazzjoni kienet għamlet lista tal-każijiet pendenti li kellha ma' TM. Jidher ukoll li dawn huma każijiet li qed jitlob il-Kunsill u fejn huma każijiet li jinvolvu residenti, dawn qed ikun hemm risposta dwarhom. Is-SE informa wkoll li f'każ partikolari kienet inagħtat risposta lill-Kunsill minħabba li kienet se tinvolvi lill-kumpanija Arriva. Is-SE informa wkoll li l-avukat tal-Kunsill kitbilhom diversi drabi u għandha ssir laqgħa bejnhom u bejn il-Kunsill. Il-Kunsillier Bonello ssuġġerixxa li l-Kunsill jaċċetta li jħallas is-somma involuta imma, fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li jkun hemm tentattiv ieħor ma' TM. Kien hemm qbil li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss jingħata rendikont fiex ikun wasal il-każ ħalli tkun kunsidrata deċiżjoni skont iċ-ċirkostanzi.

4.17. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li kien tajjeb li s-servizz tal-Arriva kien qed jinżel BIĊ kull nofs siegħa imma hi kienet twaslitilha talba biex tiġi inkluża wkoll iż-żona tas-Salina. Is-SE informa li kienet intalbet laqgħa ma' rappreżentanti tal-Arriva u għaldaqstant il-Kunsill kien se jwassal din it-talba.

4.18. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami uriet id-dispjaċir tagħha li x-xogħol fuq il-Business Directory kien wieqaf. Is-SE ikkonferma u wkoll kien diżappuntat li kemm dan u anki l-website kienu waqgħu lura ħafna.

## 5. RAPPORT DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV F'BIĊ

5.1. Minħabba li s-Sinj. Cuomo kienet imsiefra u s-Sur Woods, li kien delegat biex jattendi għal-laqgħa ma kienx attenda, ma kienx ippreżentant l-ebda rapport dwar BIĊ.

## 6. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL TA' APRIL

6.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. Il-lista kienet approvata (annessa f'A).

6.2. Is-SE ippreżenta skeda ta' kwotazzjonijiet għall-apparat tal-arja kundizzjonata fis-sala tal-laqgħat. Għal dan kien hemm sejħa pubblika. Wara kunsiderazzjoni l-Kunsill qabel li jixtri l-*airconditioner* ta' Tekno minħabba li kien l-iktar wieħed vantaġġjuż bl-aħħar teknoloġija li tikkonsma l-inqas enerġija.

6.3. Is-SE ippreżenta l-lista tal-ordnijiet u tad-dħul. Il-listi kienu approvati u annessi f'B u Ċ rispettivament.

## 7. MOZZJONI DWAR IL-PJAZZA

7.1. Il-Kunsillier Bonello ressaq mozzjoni biex tinbidel l-ordni tal-laqgħa u tkun diskussa l-mozzjoni tiegħu dwar il-Pjazza. Il-Kunsill qabel.

7.2. Il-Kunsillier Bonello ressaq il-mozzjoni, li kopja tagħha kienet intbagħatet lil kull Kunsillier minn qabel. Huwa spjega r-raġuni li qed iressaq din il-mozzjoni fejn semma fl-importanza li ssir konsultazzjoni wiesa' mal-partijiet kollha konċernati.

7.3. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami esprimiet li ma taqbilx li jkun hemm sotto-kumitat fuq materja daqstant importanti. L-istess kienu tal-fehma l-Kunsillieri Brincat u Galea u eventwalment il-Kunsill qabel li għandha titneħħa kull riferenza għas-sottokumitat.

7.4. F'dan l-istadju l-Viċi-Sindku ressaq l-emendi neċessarji skont ix-xewqa tal-Kunsill u wara konsiderazzjoni ġiet approvata *nem con*. Kopja tar-riżoluzzjoni kif emendata hija annessa f'D.

7.5. Is-Sindku talbet biex il-Kunsill eventwalment jidħol fid-dettall dwar x'tip ta' konsultazzjoni se jkun hemm.

7.6. Hawnhekk il-Kunsillier Bonello skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien 9:30pm.

## 8. RAPPORT FINANZJARJU VERIFIKAT

8.1. Is-SE informa lill-Kunsill li r-rapport finanzjarju kien tlesta u ġie verifikat. Is-SE informa li kien hemm bilanċ pożittiv u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija waħda b'saħħitha. Il-Kunsill approva r-rapport.

8.2. Is-SE informa li x-xogħol għas-sena 2011 għadu jinsab lura iżda x-xogħol kien se jqabd ritmu dalwaqt. Fakkar li x-xogħol fuq ir-Reġistru tal-Assi ma kien sar xejn dwaru. Huwa kien se jsib il-ħin biex jagħmel sejħa għal accountant kif kien approva l-Kunsill aktar qabel.

## 9. SOTTOKUMITAT GĦAŻ-ŻONA TAS-SGĦAJTAR

9.1. Il-Viċi Sindku informa li kienu daħlu 10 risposti minn residenti tas-Sgħajtar li kienu interessanti biex ikunu fuq is-sottokumitat. Kien hemm qbil li m'għandux ikun hemm aktar minn 5 rappreżentanti fuq dan is-sottokumitat u għaldaqstant se ssir laqgħa sabiex issir elezzjoni bejn dawk kollha interessati.

9.2. Hawnhekk il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami talbet il-permess sabiex ikun hemm sottokumitat għaż-żona ta' Birguma u biex għaldaqstant tintbagħat ittra lir-residenti ta' din iż-żona biex min huwa interessat jieħu ħsieb jibgħat id-dettalji tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

## 10. PROBLEMI FIŻ-ŻONI TAS-SALINI

10.1. Is-Sindku infurmat li aktar kmieni dik il-ġimgħa kellha laqgħa ma' numru ta' residenti li joqgħodu fiż-żona tas-Salina fejn dawn urew it-tħassib tagħhom dwar problema tas-sidien tal-garaxxijiet li fis-sajf jużawhom bħala *summer houses* u jokkupaw l-ispazju ta' quddiemhom biex isajru u jieklu u ma jħallux lir-residenti jipparkjaw. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jwassal din il-problema lill-MEPA.

## 11. PARTEĊIPAZZJONI FL-EGOV4U

11.1. Is-SE issuġġerixxa li l-Kunsill japplika sabiex jieħu sehem fi skema għal proġett pilota ġdid, EGOV4U, sabiex 5 Kunsilli jintagħżlu biex iħajru lir-residenti biex jużaw aktar is-servizzi li jeżistu *online*. Huwa informa li l-Kunsill kellu jippreżenta proġett filwaqt li kemm-il darba jiġi aċċettat irid joħroġ €3000. Għal dan il-proġett il-Kunsill ried jassigura li jkollu terminal biex jintuża mir-residenti kif ukoll persuna li lesta tgħin biex jintużaw is-sistemi. Huwa spjega wkoll li l-Kunsill qiegħed fil-proċess biex jagħmel il-websajt tiegħu aċċessibbli aktar u fil-fatt 'il quddiem wieħed se jkun possibbli għalih li japplika anke għall-permessi permezz tal-internet. Għaldaqstant jista' jkun li l-Kunsill ikun jista' jamalgama dawn iż-żewġ sistemi f'daqqa. Huwa informa li l-AKL kienet se toħroġ l-offerta għal dawn it-*terminals*. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 12. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

12.1. Is-SE issuġġerixxa li l-Kunsill iħallas għas-servizz sabiex ipoġġi l-websajt tiegħu fuq sistema li jkun jista' jaċċessaha minn fuq il-mobajl b'ħafna aktar faċilità. Il-Kunsill approva.

12.2. Xi Kunsillieri talbu lis-SE jieħu l-passi ħalli jiżdiedu l-*points* elettriċi fis-sala tal-laqgħat fejn wieħed iqabbad kompjuters/*laptops*.

12.3. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 25 ta' Awwissu 2011 fis-7:30pm.

12.4. Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-10:00pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 33

**Skeda tal-?lasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: mil-15 ta' Gunju 2011 sat-13 ta' Lulju 2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jit?allas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Ta?-?ekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Agricultural Co Op | €3,245.00 | €3,245.00 | T | PF | May Regular Payment | 31/05/2011 | 15989 | n/a | n/a | 3061 | |
| 2 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer Fees for the month of June 2011 | 01/07/2011 | 63 of 2011 | n/a | n/a | 3140 | |
| 3 | Anne Marie Muscat Fenech Adami | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councilor Remuneration January - June2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | |
| 4 | Archway Ironmongery | €97.73 | €97.73 | D | PF | rollers, brush etc | June yr 2011 | 31631 | 3611, 3634, 3621 | 3611, 3634, 3621 | 2370 | |
| 5 | Archway Ironmongery | €165.13 | €165.13 | D | PF | brush, paint, elbow 15mm etc | 01/06/2011 | 31619 | 3597, 3598, 3610, 3603, 3621, 3611 | 3597, 3598, 3610, 3603, 3621, 3611 | 2370 | |
| 6 | Arms Ltd. | €26.40 | €26.40 | D | PF | interests accrued | n/a | n/a | n/a | n/a | 2130 | 14600 |
| 7 | Bitmac Ltd. | €97.70 | €97.70 | D | PF | Instant road repair | 22/06/2011 | 85691 | 3626 | 3626 | 2311 | |
| 8 | Central Asphalt Ltd. | €7.38 | €7.38 | D | PF | Concrete slabs | 06/06/2011 | 40553 | 3602 | 3602 | 2311 | |
| 9 | Central Districts Office | €1,965.82 | €1,965.82 | D | PF | patching in Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Triq it-Targa, Triq it-Torri tal-Ghallis, Triq tal-Qadi | 05/07/2011 | 2681 | 3440 | 3440 | 2311 | |
| 10 | Charlie Mifsud | €2,721.20 | €2,721.20 | T | PF | beach cleaning services - June 2011 | 30/06/2011 | 894 | n/a | n/a | 3063 | |
| 11 | Charlie Mifsud | €2,062.05 | €2,062.05 | T | PF | extra work - June 2011 | 30/06/2011 | 892 | n/a | n/a | 3063 | |
| 12 | Charlie Mifsud | €1,625.00 | €1,625.00 | T | PF | weed cutting - June 2011 | 30/06/2011 | 893 | n/a | n/a | 3052 | |
| 13 | Christian Galea | €5,833.33 | €5,541.66 | T | PF | street sweeping - June 2011 | 30/06/2011 | 94 | n/a | n/a | 3051 | |
| 14 | Clifford Galea | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councilor Remuneration January - June2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | |
| 15 | Clinton Sammut | €600.00 | €600.00 | D | PF | Councilor Remuneration January - June2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | |
| | **Sub Total c/f** | **€19,583.74** | **€19,292.07** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,583.74** | **€19,292.07** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

A

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 33

**Skeda tal-?lasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-15 ta' Gunju 2011 sat-13 ta' Lulju 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jit?allas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Ta?-?ekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Clint Muscat | €300.00 | €300.00 | D | PF | tower ladder service - June 2011 | 21/06/2011 | 53 | n/a | n/a | 2375 | |
| 17 | C.S.D. office trade | €12.74 | €12.74 | D | PF | archive box cartoon | 17/06/2011 | 35179 | 3627 | 3627 | 2620 | |
| 18 | C.S.D. office trade | €47.08 | €47.08 | D | PF | dater 53 & spare pad 53 black | 15/06/2011 | 35218 | 3618 | 3618 | 2620 | |
| 19 | C.S.D. office trade | €23.60 | €23.60 | D | PF | certificate paper cream Laid | 09/06/2011 | 35111 | 3612 | 3612 | 2620 | |
| 20 | C.S.D. office trade | €141.34 | €141.34 | D | PF | lever arch file, box file, etc | 03/06/2011 | 35039 | 3604 | 3604 | 2620 | |
| 21 | David Bonello | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councilor Remuneration January - June2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | |
| 22 | Donald Friggieri | €225.00 | €225.00 | D | PF | fabrication of trophy for Gieh in-Naxxar | 24/06/2011 | n/a | n/a | n/a | 3360 | |
| 23 | Permanent Secretary Ministry of Education | €5,592.00 | €5,592.00 | D | PF | Directorate for Lifelong learning | 14/06/2011 | DLLL/015/11 | n/a | n/a | 3381 | |
| 24 | Department for Local Government | €39.50 | €39.50 | D | PF | advert for the general public re: 2 quotations | 27/06/2011 | n/a | 3622 | 3622 | 2940 | 14574 |
| 25 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | advert for the allocation of kiosks during the Naxxar Feast | n/a | n/a | 3629 | 3629 | 2940 | 14596 |
| 26 | Dr Maria F Deguara | €795.50 | €795.50 | D | PF | mayor's June allowance | 23/06/11 | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 27 | Dr Maria F Deguara | €640.00 | €640.00 | D | PF | Councilor Remuneration January - June2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | |
| 28 | EcoPure | €29.88 | €29.88 | D | PF | 18.9ltrs of table water by 8 | 20/06/2011 | 490427 | n/a | n/a | 3320 | |
| 29 | EcoPure | €29.88 | €29.88 | D | PF | 18.9ltrs of table water by 8 | 23/05/2011 | 488106 | n/a | n/a | 3320 | |
| 30 | EcoPure | €22.41 | €22.41 | D | PF | 18.9ltrs of table water by 6 | 04/07/2011 | 491633 | n/a | n/a | 3320 | |
| | **Sub Total c/f** | **€8,388.25** | **€8,388.25** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€19,583.74** | **€19,292.07** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€27,971.99** | **€27,680.32** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Skeda tal-?lasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-15 ta' Gunju 2011 sat-13 ta' Lulju 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jit?allas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Ta?-?ekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | EcoPure | €221.00 | €221.00 | D | PF | 18.9ltrs of table water by 52 | 20/06/2011 | 44136 | n/a | n/a | 3320 | |
| 32 | G4S Security Services Ltd. | €152.20 | €152.20 | D | PF | Cash Collection Services - June 2011 | 30/06/2011 | GS002934 | n/a | n/a | 3190 | |
| 33 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager Fee - June 2011 | 30/06/2011 | 2427 | n/a | n/a | 3065 | |
| 34 | George Aluminium | €311.52 | €311.52 | D | PF | pipe bending | 22/11/2010 | 682173 | 3450 | 3450 | 3360 | |
| 35 | Georgina Grima | €2,907.79 | €2,907.79 | D | PF | nursing services - May 2011 | May yr 2011 | n/a | n/a | n/a | 3150 | |
| 36 | Georgina Grima | €3,468.34 | €3,468.34 | D | PF | nursing services - June 2011 | June yr 2011 | n/a | n/a | n/a | 3150 | |
| 37 | Grace Camilleri | €114.27 | €114.27 | D | PF | Branch Librarian services - June 2011 | 05/07/2011 | n/a | n/a | n/a | 2995 | |
| 38 | Green Spplier Ltd. | €70.80 | €70.80 | D | PF | 1 lrg flower arrangment on stand delivered to Palazzo Parisio | 11/06/2011 | 13644 | 3605 | 3605 | 3360 | |
| 39 | Guard & Warden Service House | €578.16 | €428.16 | D | PF | Use of wardens to direct traffic during Ir-Rahal fil-Milied 2010 | 31/12/2010 | 2919 | n/a | n/a | 3360 | |
| 40 | J & S Store | €93.30 | €93.30 | D | PF | ramel, zrar, energy saving, etc | 30/03/2011 | 6846 | 3555a, 3568, 3584, 3583, 3542, 3617 | 3555a, 3568, 3584, 3583, 3542, 3617 | 2370 | |
| 41 | J & S Store | €126.69 | €126.69 | D | PF | plug, ramel, zrar etc | 08/03/2011 | 6826 | 3544, | 3544, | 2370 | |
| 42 | J. Lautier Co. Ltd. | €292.16 | €292.16 | D | PF | Hollow aluminium 10x20 for Xmas Deco. | 15/11/2010 | 2837671 | 3448 | 3448 | 3360 | |
| 43 | Joseph Vella | €230.00 | €230.00 | D | PF | saxophone quartet performance | 24/06/2011 | 100611 | n/a | n/a | 3360 | |
| 44 | Jurgen Attard | €136.50 | €136.50 | T | PF | Football Ground Guardian - May 2011 | 30/05/2011 | 1156688 | n/a | n/a | 3191 | |
| 45 | Jurgen Attard | €128.70 | €128.70 | T | PF | Football Ground Guardian - June 2011 | 30/06/2011 | 1156689 | n/a | n/a | 3191 | |
| | **Sub Total c/f** | **€9,103.97** | **€8,953.97** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€27,971.99** | **€27,680.32** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€37,075.96** | **€36,634.29** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 33

**Skeda tal-?lasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: mil-15 ta' Gunju 2011 sat-13 ta' Lulju 2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jit?allas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Ta?-?ekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Leo's Garage Paramount | €129.51 | €129.51 | K | PF | transport services for the elderly | 15/06/2011 | 23791 | 3630 | 3630 | 3380 | |
| 47 | The Lighthouse keepers | €57.90 | €57.90 | T | PF | Job Number: 983/ ref. no.: 5187 | 04/07/2011 | KLNX983 | n/a | n/a | 3065 | |
| 48 | The Lighthouse keepers | €60.35 | €60.35 | T | PF | Job Number: 985/ ref. no.: 5200 | 04/07/2011 | KLNX985 | n/a | n/a | 3065 | |
| 49 | The Lighthouse keepers | €127.77 | €127.77 | T | PF | Job Number: 986/ ref. no.: 5211 | 04/07/2011 | KLNX986 | n/a | n/a | 3065 | |
| 50 | The Lighthouse keepers | €5.58 | €5.58 | T | PF | Job Number: 973/ ref. no.: 5166 | 04/07/2011 | KLNX973 | n/a | n/a | 3065 | |
| 51 | The Lighthouse keepers | €30.08 | €30.08 | T | PF | Job Number: 978/ ref. no.: 5177 | 04/07/2011 | KLNX978 | n/a | n/a | 3065 | |
| 52 | The Lighthouse keepers | €27.86 | €27.86 | T | PF | Job Number: 982/ ref. no.: 5183 | 04/07/2011 | KLNX982 | n/a | n/a | 3065 | |
| 53 | The Lighthouse keepers | €41.13 | €41.13 | T | PF | Job Number: 980/ ref. no.: 5181 | 04/07/2011 | KLNX980 | n/a | n/a | 3065 | |
| 54 | The Lighthouse keepers | €9.78 | €9.78 | T | PF | Job Number: 975/ ref. no.: 5174 | 04/07/2011 | KLNX975 | n/a | n/a | 3065 | |
| 55 | The Lighthouse keepers | €43.79 | €43.79 | T | PF | Job Number: 972/ ref. no.: 5163 | 04/07/2011 | KLNX972 | n/a | n/a | 3065 | |
| 56 | Marlon Brincat | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councilor Remuneration January - June2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | |
| 57 | Mdina Glass Ltd. | €100.01 | €100.01 | D | PF | rec plates w/eng | 15/06/2011 | 7839 | 3609 | 3609 | 3690 | |
| 58 | Melita | €19.80 | €19.80 | D | PF | Telephony Service - May 2011 + disconnection nonpay charge | 01/06/2011 | 30569316 | n/a | n/a | 2160 | 14601 |
| 59 | Melita | €24.21 | €24.21 | D | PF | Telephony Service - June 2011 & July 2011 | 01/07/2011 | 30727759 | n/a | n/a | 2160 | 14602 |
| | **Sub Total c/f** | **€76,097.05** | **€75,213.71** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€37,075.96** | **€36,634.29** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€113,173.01** | **€111,848.00** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 33**

**Skeda tal-?lasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-15 ta' Gunju 2011 sat-13 ta' Lulju 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jit?allas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Ta?-?ekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 60 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | PF | Maintenance & Support of Wide Area Connectivity - July till Sept 2011 | 07/07/2011 | 24934 | n/a | n/a | 3110 | |
| 61 | Noel Gatt | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councilor Remuneration January - June2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | |
| 62 | Northern Cleaning Group | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Refuse Collection - May 2011 | 31/05/2011 | 5 / 11 | n/a | n/a | 3041 | |
| 63 | Pauline Miceli | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councilor Remuneration January - June2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | |
| 64 | Pierre Sciberras | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councilor Remuneration January - June2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | |
| 65 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Public Convenience Cleaning - June 2011 | 30/06/2011 | 06_2011 | n/a | n/a | 3053 | |
| 66 | Ricky Caruana | €473.51 | €473.51 | T | PF | Civic Centre Cleaning - June 2011 | 30/06/2011 | 06_2011 | n/a | n/a | 3055 | |
| 67 | Smart Supermarket | €74.23 | €74.23 | D | PF | several different items | 28/06/2011 | 111424 | 3623 | 3623 | 3320 | |
| 68 | Snow White Laundry | €20.00 | €20.00 | D | PF | cleaning of flags | 08/07/2011 | 404683 | 3631 | 3631 | 2370 | |
| 69 | Staff Salaries | €8,679.64 | €8,679.64 | D | PF | staff payslips for the month of June | 23/06/2011 | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 70 | TCTC Ltd. | €192.50 | €192.50 | D | PF | distribution of leaflets | 14/06/2011 | 26609 | n/a | n/a | 3381 | |
| 71 | TCTC Ltd. | €1,100.00 | €1,100.00 | D | PF | e-tfal agreement | 14/06/2011 | 26608 | n/a | n/a | 3381 | |
| 72 | TCTC Ltd. | €250.00 | €250.00 | D | PF | Bahar ic-Caghaq Distribution of Leaflets | 14/06/2011 | 26614 | n/a | n/a | 3381 | |
| 73 | UniJob | €70.00 | €70.00 | D | PF | 10 ltr Beta extra white | 20/06/2011 | 21563 | 3614a | 3614a | 2375 | |
| 74 | Vodafone Mt | €146.41 | €146.41 | D | PF | June 2011 monthly fee | 01/07/2011 | 2489546072011 | n/a | n/a | 2160 | 14603 |
| | **Sub Total c/f** | **€20,499.47** | **€20,499.47** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€113,173.01** | **€111,848.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€133,672.48** | **€132,347.47** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 33

Skeda tal-?lasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: mil-15 ta' Gunju 2011 sat-13 ta' Lulju 2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jit?allas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Ta?-?ekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Yal Home & Electronics | €94.00 | €94.00 | D | PF | atron 20" metal blades high Velocity Stand Fan for BIC | 10/06/2011 | 14159 | 3601 | 3601 | 3381 | |
| 82 | | | | | | | | | | | | |
| 83 | | | | | | | | | | | | |
| 84 | | | | | | | | | | | | |
| 85 | | | | | | | | | | | | |
| 86 | | | | | | | | | | | | |
| 87 | | | | | | | | | | | | |
| 88 | | | | | | | | | | | | |
| 89 | | | | | | | | | | | | |
| 90 | | | | | | | | | | | | |
| 91 | | | | | | | | | | | | |
| 92 | | | | | | | | | | | | |
| 93 | | | | | | | | | | | | |
| 94 | | | | | | | | | | | | |
| 95 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€94.00** | **€94.00** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€133,672.48** | **€132,347.47** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€133,766.48** | **€132,441.47** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

B

## Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Ġunju 2011

| Date | P.O. No | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/06/2011 | 3595 | Uni Job | Rollers, trays and rods for painting façade of Civic Centre | €36.31 |
| 01/06/2011 | 3596 | Transient | PA System for Gieh in-Naxxar (later cancelled following purchase of Speaker system) | €167.56 |
| 01/06/2011 | 3597 | Archway Ironmongery | Elbow, varnish, brush, paint | €43.58 |
| 01/06/2011 | 3598 | Archway Ironmongery | Cappetti, Pumelli, box of screws - new platforms | €80.33 |
| 02/06/2011 | 3599 | Enemalta | Application Form D to shift pole at BIC | €40.00 |
| 08/06/2011 | 3600 | Olimpus Music | 250W PA Speaker System | €488.28 |
| 08/06/2011 | 3601 | YAL Home Electronics | Floor / Stand 20" Fans x2 for BIC | €94.00 |
| 09/06/2011 | 3602 | Central Asphalt Ltd. | Replacement of slab at Bakery Street | €7.38 |
| 09/06/2011 | 3603 | Archway Ironmongery | Maintenance on Civic Centre façade; pedestall Gieh in-Naxxar 2011 | €20.83 |
| 09/06/2011 | 3604 | CSD Office Trade | Stationery | €141.33 |
| 09/06/2011 | 3605 | Green Supplier | Flower Arrangement - Gieh in-Naxxar 2011 | €70.80 |
| 10/06/2011 | 3606 | Antoine Fenech Florist | Delivery of several funeral wreaths | €118.00 |
| 10/06/2011 | 3607 | Bitmac Ltd. | Instant road repair | €84.96 |
| 10/06/2011 | 3608 | Carmen Micallef | General fitness/ pilates | €600.00 |
| 13/06/2011 | 3609 | Mdina Glass | Tray & engraving | €100.00 |
| 13/06/2011 | 3610 | Archway Ironmongery | Wood for new platforms | €31.56 |
| 13/06/2011 | 3611 | Archway Ironmongery | Council façade | €54.00 |
| 13/06/2011 | 3612 | CSD Office Trade | Textured paper | €23.60 |
| 14/06/2011 | 3612a | Paramount Garage | Transport Cultural tour June 2011 | €82.60 |
| 14/06/2011 | 3613 | Robert Galea & Carol Cassar | Aerobics and pilates courses | €600.00 |
| 14/06/2011 | 3614 | Robert Galea & Carol Cassar | Aerobics and pilates courses | €400.00 |
| 16/06/2011 | 3614a | Uni Job | Paint for Civic Centre - façade | €70.00 |
| 14/06/2011 | 3615 | Robert Galea & Carol Cassar | Aerobics and pilates courses | €400.00 |
| 14/06/2011 | 3616 | Robert Galea & Carol Cassar | Aerobics, pilates & self defence courses | €800.00 |
| 17/06/2011 | 3617 | J&S Store | Material for maintenance works | €23.18 |
| 17/06/2011 | 3618 | C.S.D. Office Trade | New dater (stamp) and extra pads | €47.08 |
| 21/06/2011 | 3619 | Transport Malta | Parking Dials | €74.00 |
| 21/06/2011 | 3620 | Annabelle Attard | Zumba classes (Wednesday 16th March11 & Saturday 19th March11) | €660.00 |
| 23/06/2011 | 3621 | Archway Ironmongery | 1 ltr black paint, brush, scraper, materjal tal-kisi, etc | €46.29 |
| 27/06/2011 | 3622 | DLG | Advert - TMI - call for quotations | €39.50 |
| 27/06/2011 | 3623 | Smart | Coffee, biscuits - conference room | €81.29 |
| | | | | |
| | | | **Total** | **€5,526.46** |

Ċ

## Lista ta' Dħul għax-xahar ta' Ġunju 2011

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | others | €216.20 |
| 0001 | Annual allocation from Government | €0.00 |
| 0015 | Other Government Income | €0.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €326.13 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €1,770.00 |
| 0023 | Cultural activities | €915.00 |
| 0024 | Football ground hire | €28.00 |
| 0025 | Skip Permit | €77.73 |
| 0026 | Crane Permit | €443.36 |
| 0027 | Kiosk Permit | €0.00 |
| 0028 | Outside activity permit | €270.60 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc. | €77.36 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €0.00 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €0.00 |
| 0033 | Payment for damages to public property | €0.00 |
| 0036 | Contraventions | €0.00 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €192.36 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €150.00 |
| 0121 | Advertising | €18.64 |
| 0125 | Trenching permits | €4.66 |
| 4006 | Contractors guarantees (refundable) | €1,390.00 |
| 4007 | Other refundable deposits | €0.00 |
| | **TOTAL** | **€5,880.04** |

D

**Riżoluzzjoni dwar il-Pjazza tan-Naxxar**

Permezz ta' din il-mozzjoni l-Kunsiller David Bonello
Jaghraf li :

1) Aktar ma jghaddi iz-zmien aktar karozzi qeghdin jghaddu mil-pjazza tan-Naxxar minghajr ma jitilqu jew jibdew minn Naxxar

2) Il-Pjazza li hi l-qalba tar-rahal saret ekwivalenti ghall-round about f'rhula ohra u dan ma ghadhux accettabli anke` minhabba l-pollution

3) Il-Kunsill diga ghandu applikazzjoni *outline* quddiem il-Mepa biex jigi approvat progett tal-pjazza

4) Il-Kunsill ma ghandux bizzejjed fondi biex jaghmel dan il-progett issa aktar u aktar peress li ma inghatax l-fondi taht l-iskema provduta mil-Gvern

5) Meta l-Kunsill Lokali kien hareg bl-idea, il-proposta u l-pjanta ghall-dan il-progett tal-pjazza kien hemm min ma qabilx ma dan il-progett u sahansitra inbaghtu ittri bl-avukat lil kull Kunsillier

Jinnotta li –

1) Is-sitwazzjoni tal-pjazza ma tistax tibqa kif inhu u ma jahsibx li hu gust li l-hidma biex jitnaqqsu il-karozzi u jsir *embellishment* tieqaf.

2) Ma nisghtux nkomplu nahdmu fuq progett simili minghajr ma issir konsultazzjoni ma dawk kollha li se jigu milquta b'mod dirett jew indirett

3) Ma jistax jkun li terga` tinqala il-problema ta' nuqqas ta' konsultazzjoni dwar xi progett li jista` jsir f'din iz-zona meta jkun hemm xi ftuh ta' opportunita ghall-fondi

B'hekk jipproponi li –

1) Titnieda responsabilta' ġdida li tkun Ko-Ordinatur għal ġbir ta infomrazzjoni fir-rigward ta din il-mozzjoni

2) Il-ħsieb hu li titqabbad kumpanija permezz ta sejħa pubblika biex tieħu ħsieb il-proċess ta konsultazzjoni wara li l-kundizzjoniet ikunu ġew deċiżi mil-kunsill.

3) L-informazzjoni li tinġabar tiġi mgħoddija lil-Kunsill, wara li jiffinalizza d-diskussjonijiet, l-istess ko-ordinatur, jara li dak li ġie deċiż mill-kunsill ikun qiegħed jiġi eżegwit.

4) L-ideat tal-koordinatur ikunu biss rakkomanmdatorji u finalment jiddeċiedi l-kunsill.

5) Il-kunsill għandu japprova somma ta' flus sabiex bija titħallas il-kumpanija li terbaħ is-sejħa pubblika li ser tieħu ħsieb il-proċess għal-konsultazzjoni pubblika

6) Id-dover tal-koordinatur għandu jkun li jkun pro-attiv u minflok jistenna skemi tal-Gvern joħorgu, jipprova jħajjar lill-Gvern jinvesti f'xi tip ta' proġett u jara x'opportunitajiet ta' fondi hemm mil-Unjoni Ewropeja u japplika. Dan dejjem bil-kunsens tal-kunsill.

David Bonello

Kunsillier